MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 646/2004

**Charles Micallef**

**vs**

**Sandy Pollacco**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Marzu, 2004 fejn intalab il-hlas ta' hamsa u hamsin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm55.80) rapprezentanti appogg dovut mill-konvenuta ;**
**Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta pprezentata fit-22 ta' April, 2004 fejn intqal illi:**
**Il-konvenuta taqbel li ghandha thallas lill-attur is-somma ta' hamsa u hamsin lira u tmenin centezmu (Lm55.80) izda hija ma ghandha thallas ebda spejjez ghal din il-procedura stante li hija offriet li thallas l-**

**ammont mitlub f'aktar minn okkazzjoni wahda, u dan anke permezz ta' cekk numru 44613 HSBC datat 24 ta' Gunju, 2003, liema cekk jidher li ma giex imsarraf mill-attur u dan ghal ebda raguni valida fil-ligi u minghajr ma informa lill-konvenuta li tali pagament ma kienx qed jigi accettat. Oltre dan it-talba ghall-imghax hija legalment insostenibbli stante li (oltre din il-procedura) f'ebda stadju ma saret interpellazzjoni ufficjali kif titlob il-ligi. Annessi mal-avviz kopja tac-cekk u nota ta' registrazzjoni Dok.A sa Dok.C.**

**Ra l-verbal tas-27 ta' April, 2004 li bih id-difensur tal-konvenuta ghadda cekk lill-attur ghall-pagament tas-sorte. L-attur accetta dan il-pagament pero` minghajr pregudizzju ghat-talba dwar l-ispejjez u l-imghax. Sema' x-xhieda ta' Jason Agius u Sandy Pisani.**

**Ikkunsidra illi l-konvenuta fil-fatt kienet offriet il-pagament gja qabel ma infethet il-kawza, kif jirrizulta mid-Dok.A sa Dok.C esebiti, u mix-xhieda mismugha, pero` jidher li l-attur ma kienx accetta ghax ried il-kopja tal-kuntratt. Fil-fatt il-konvenuta kienet baghtet ic-cekk fl-24 ta' Gunju, 2003. Il-fatt li ma ntbaghatx il-kuntratt ma jiggustifikax li l-konvenuta tehel l-ispejjez tal-kawza meta hi fil-fatt kienet effettwat il-hlas mitlub fl-avviz, li da parti tal-attur ma giex accettat dak iz-zmien.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal, filwaqt illi jiddikjara il-meritu dwar l-ispejjez ezawrit, in vista tal-pagament, u peress illi l-pagament kien gja gie offrut qabel ma nfethet il-kawza, qed jichad it-talba attrici ghall-imghax, bl-ispejjez kontra l-attur.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------